



Brussell, 5 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0090 (BUD)

9916/26
ADD 1 REV 2

FIN 775
PE-L 17

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 għall-baġit ġenerali għall-2026: Dħul tas-surplus tas-sena finanzjarja 2025

- *Dikjarazzjoni*
-

Abbozz ta' dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tiegħu rigward l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2026

Il-Kunsill jinnota li, fil-preżentazzjoni tagħha tal-kalkolu tal-finanzjament tal-baġit [skont il-kategorija tar-riżorsi proprji u skont l-Istat Membru], il-Kummissjoni naqqset il-livell ta' dettall u trasparenza billi ħalliet barra l-kalkolu ta' "kontribuzzjoni nazzjonali".

Id-diskontinwità tal-informazzjoni dwar it-trasferimenti kurrenti totali mħallsa mill-gvern ġenerali ta' kull Stat Membru lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea - ċifri li huma soġġetti għal aġġustamenti regolari minħabba l-bażi tagħhom fl-aggregati statistiċi - jikkostitwixxi ksur tal-istandards tar-rapportar finanzjarju tal-UE stabbiliti mill-inqas mis-sena finanzjarja 2007, u jneħħi wkoll punt ta' referenza standardizzat għall-partijiet ikkonċernati, u b'hekk jillimita l-possibbiltà li titwettaq analiżi infurmata tajjeb tal-kontribuzzjonijiet magħmula lill-baġit tal-UE.

Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi mill-ġdid kalkolu ta' "kontribuzzjoni nazzjonali" f'abbozzi ta' baġits futuri u f'abbozzi ta' baġits emendatorji.

L-adozzjoni ta' din il-pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2026 hija mingħajr preġudizzju għal deliberazzjonijiet leġislattivi futuri jew li għaddejjin li jistgħu jiġu affettwati mill-kunċett ta' "kontribuzzjonijiet nazzjonali".
